MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 257/2009

**Wirk's Interior Limited**

**Vs**

**Marsalite Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju 2009 fejn is-socjeta attrici talbet lil din l-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef, tlett mija hamsa w ghoxrin euro w ghaxar euro centesmi (Euro5,325.10) rappresentanti din is-somma prezz ta' prodotti/servizzi mibjugha lilha fuq ordni taghha, liema somma flus baqghet ma thalslitx (ara l-prospett anness w immarkat bhala Dok. 'A') oltre l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kalkolati mid-dati tal-fatturi relattivi, bl-oghla rati permessi mill-ligi.

Nonostante li giet interpellata sabiex thallas diversi drabi, inlkuz b'ittra bonarja datata hmistax (15) ta' Dicembru

2008 (annessa w immarkata bhala Dok. 'B') is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta minn issa 'n subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta debitament notifikata permezz ta' timbru maghmul mill-Marixxal Marco Bonnici nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Lulju 2009 a fol. 7 tal-process, naqset li tipprezenta r-risposta taghha.

Rat illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2009 is-socjeta konvenuta, imsejjha diversi drabi baqghet ma dehritx la sabiex tirrispondi ghat-talbiet attici u lanqas in subizzjoni.

Rat illi ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici tidher gustifikata u timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma imsemmija fl-avviz fl-ammont ta' hamest elef, tlett mija hamsa w ghoxrin euro u ghaxar euro centesmi (Euro5,325.10).**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------